

**Dispożittiv**

- 1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas 16 ta' Marzu 2022 (Każ R 1050/2021-2) huwa annullat sa fejn jikkonċerna:
- klassi 3: "Pomati, kremi, ingwenti, lozzjonijiet, ġellijiet u preparazzjonijiet oħra kollha għal użu kożmetiku; preparazzjonijiet tat-tindif għall-użu personali; deodoranti għall-kura tal-ġisem; kożmetiċi mhux mediċinali, bl-esklużjoni tal-mouthwashes; preparazzjonijiet tat-twaletta; profumerij, żjut meħudin minn pjanti";
  - klassi 29: "Polline preprat għall-ikel";
  - klassi 30: "Għasel; propoli; propoli għall-konsum mill-bniedem [prodott tal-apikultura]; royal jelly; tèt tal-ħxejjex mhux medikali; tèt tal-ħxejjex, minbarra għall-użu mediku; [infużjonijiet mhux mediċinali]; estratti ta' tèt; tèt; għasel";
  - klassi 40: "Manifattura skont l-ordni ta' farmaċewtiċi; Manifattura skont l-ordni ta' bijofarmaċewtiċi; trattament ta' materjal bijofarmaċewtiku; is-servizzi kollha ċċitati iktar 'il fuq bl-esklużjoni tas-servizzi marbuta mal-ħalq u mas-snien";
  - klassi 42: "Riċerka xjentifika; Servizzi ta' pariri relatati mar-riċerka xjentifika; il-provvista ta' informazzjoni xjentifika; riċerka bijoloġika; servizzi ta' riċerka u analiżi kimika; riċerki u testijiet ġenetiċi; riċerka dwar kożmetiċi; riċerka fil-qasam alimentari; riċerka fil-qasam tal-ikel; riċerka dwar farmaċewtika bl-esklużjoni tar-riċerka marbuta mal-ħalq u mas-snien; riċerka u żvilupp ta' prodotti ġodda fil-qasam tal-bijoteknoloġija; riċerka u żvilupp ta' prodotti bl-esklużjoni tar-riċerka u tal-iżvilupp fil-qasam marbut mal-ħalq u mas-snien; servizzi xjentifiċi u teknoloġiċi kif ukoll servizzi ta' riċerka u ta' konċepiment marbuta magħhom; [servizzi ta'] analiżi industrijali u servizzi ta' riċerka; konċepiment u żvilupp ta' kompjuters u ta' software".
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Dicofarm SpA, l-EUIPO u Marco Viti Farmaceutici SpA għandhom isostnu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. leurs propres dépens.

(<sup>1</sup>) ĠU C 276, 18.7.2022.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Mejju 2023 – Vanhove vs EUIPO – Aldi Einkauf (bistro Régent)**

(Kawża T-437/22) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea bistro Régent – Trade mark verbali preċedenti REGENT – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Użu ġenwin tat-trade mark preċedenti – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1)(a) u l-Artikolu 47(2) tar-Regolament 2017/1001 – Forma li hija differenti minħabba elementi li ma jbidlux il-karattru distintiv")*

(2023/C 223/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Vanhove (Bordeaux, Franza) (rappreżentant: N. Castagnon, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Eberl u T. Klee, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Aldi Einkauf SE & Co. OHG (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Lützenrath, C. Fürsen, M. Minkner u A. Starcke, avukati)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-18 ta' Mejju 2022 (Każ R 1113/2021-5).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Vanhove għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti minn Aldi Einkauf SE & Co. OHG.
- 3) L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandu jbat l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

(<sup>1</sup>) ĠU C 326, 29.8.2022.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2023 – Ern vs EUIPO– Biolark (BIOLARK)**

(Kawża T-459/22) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattiva BIOLARK – Trade mark nazzjonali verbali preċedenti BIOPLAK – Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)*

(2023/C 223/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Laboratorios Ern, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: S. Correa Rodríguez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Klee u A. Ringelhann, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Biolark, Inc (San Diego, California, l-Istati Uniti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-22 ta' April 2022 (Każ R 1234/2021-5).

**Dispożittiv**

- 1) It-talba li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni mressqa mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) hija miċħuda.
- 2) Ir-rikors huwa miċħud.
- 3) Kull parti hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 340, 5.9.2022.